# X'LAQATNI L-IŻJED MATUL DIN IS-SENA



**EDWARD SCICLUNA** / *Ministru għall-Finanzi*



Iktar ma jgħaddi żmien, ħafna gvernijiet qed isiru aktar u aktar populisti *[Ritratt: independent.co.uk]*

Huwa naturali li meta tasal fl-aħħar tas-sena tħares waħda lura u tara minn xiex tkun għaddejt matulha. Dan ix-xogħol jagħmluh b'mod dettaljat il-ġurnali fejn jagħtu ħarsa lejn l-aħbarijiet kollha tas-sena f'ġabra waħda. Iżda llum nixtieq nelabora aktar fuq xejra milli xi ġrajja partikolari. Jista' jkun li għalkemm qed tiġri madwarna ftit huma li taw kasha matul din is-sena. Din hi li l-gvernijiet speċjalment Ewropej qed kulma jgħaddi ż-żmien isiru aktar u aktar populisti.

Partiti li la huma taċ-ċentru-lemini u wisq anqas taċ-ċentru xellugi. Għall-kuntrarju jmorru lejn l-estrem taż-żewġ naħat. Dan qed jiġri f'pajjiżi fejn l-elettorati jidhru li xebgħu mill-gvernijiet tagħhom tal-passat, u qed itellgħu lil dawn il-partiti ġodda fil-poter, qishom jew biex ipattuha jew biex jagħtu tagħlima lil min ma tax kashom. Nieħdu pereżempju l-politika tal-President Trump li taħseb biss fl-Amerka l-ewwel u tinsa jew tabbanduna anke lill-alleati tagħha. Bil-politika tiegħu Trump qed jagħmel liċ-Ċina għadu tiegħu, għadu kummerċjali sa issa, biex niftiehmu. Madankollu mhux 'il bogħod minn għadu politiku bħall-Iran.

Madankollu dan huwa l-istess President li tela' bil-voti tal-maġġoranza u qed jattwa dak li wiegħed fejn qed jaħseb biss f'pajjiżu. Ħalliha li iżda fl-aħħar mill-aħħar pajjiżu mhu qed jigwadanja xejn minn din il-politika. Trump qed ikun il-kaġun ta' ħafna taħwid u tgerfix intenzjonat biex b'hekk jirnexxilu jqalleb ta' taħt fuq il-mod kif issir il-politika Amerikana.

Min-naħa l-oħra għandna l-Ingilterra li nafuha bħala xempju tad-demokrazija, politika ta' eżattezza u stabilità ta' imperu tal-passat b'saħħtu, iżda li llum waslet biex qed tigi umiljata għax ma tafx fejn sejra. BREXIT kienet deċiżjoni li ġiet immexxija mill-populisti.

Dawn il-movimenti u partiti populisti jidhru jippreżentaw xi ħaġa quddiemek li biha jirnexxilhom jikkonvinċuk, madankollu din tinduna li tkun tal-mument u bla pjan. Kien hemm kapijiet bħal ngħidu Farage li saħħnu l-qiegħa biex l-Ingilterra tivvota biex toħroġ mill-Unjoni Ewropea, iżda issa huma bla pjan u ma jafux fejn sejrin. Semmejna l-Amerka u l-Ingilterra u tajjeb li issa wkoll niġu għal Franza. Macron ġie elett biex jiġġieled il-popolisti ta' Le Pen madankollu issa qed naraw protesti kbar mill-poplu li ma jridux il-politika tan-nofs. Insemmu l-Italja li eleġiet żewġ partiti li għamlu koalizzjoni bejniethom u li t-tnejn wiegħdu affarijiet li minn jirraġuna jaf li ma jistgħux jiġu implimentati. Ma nafux fl-elezzjonijiet li ġejjin l-UE hux se tkun qed tikkastigahom jew tippremjahom. Immorru issa għall-Ġermanja fejn hemm il-movimenti Nazisti li issa bdew anke juru l-bandiera u jużaw il-vjolenza. Fl-Iżvezja li qatt ma konna nobsru li se jmorru għal-lemin estrem, iżda qed jinżlu fit-toroq u jqajmu dan il-ferment. Qed naraw ferment mad-dinja kollha li xejn ma hu sabiħ. Dan kollu beda jinqala' wara l-kriżi internazzjonali li ħalliet pjagi u problemi kbar. Li konsegwenza tagħha n-nies bdew ipattuha lill-gvernijiet ta' dak iż-żmien u bdew jeleġu partiti tal-lemin jew xellug estrem li ħafna minnhom huma populisti.




*Ritratt: briefingsforbrexit.com*

Matul l-2018 il-populiżmu qed isir il-moda ta' kuljum, ta' kull ġimgħa u ta' kull xahar. Beda jikber sew u qed iħasseb lil ħafna osservaturi u gvernijiet li jgħożżu d-demokrazija. Dan għaliex diversi gwerer tal-passat bdew minn dan il-fenomenu, anke jekk mingħalina li għaddew ħamsin sena u d-dinja ma tridx terġa' ddur għall-gwerer. Iżda l-isfortuna hi li ż-żerriegħa reġgħet qed tinbet u allura wieħed irid jara kif se jirrispondi għal dan il-fenomenu ġdid.

Fi studju xjentifiku li sar riċenti sab li mexxejja populisti huma kapaċi aktar minn mexxejja demokratiċi biex jibqgħu fil-poter. Iktar minn hekk huma ta' theddida għad-demokrazija fil-pajjiż. Huwa kkalkulat li tmexxija populista hi assoċjata ma' 7% telf ta' libertajiet tal-istampa, 8% f'telf ta' libertajiet ċivili, u 13% f'nuqqas ta' drittijiet politiċi.

Hemm bżonn li l-poplu jiftaħ għajnejh u jiddeċiedi jekk iridx ikompli f'din it-triq li la ġġib paċi fil-pajjiż u lanqas fid-dinja.

Min-naħa l-oħra gvernijiet demokratiċi jridu joqogħdu attenti li ma jaqgħux fil-ħofor politiċi u ekonomiċi ovvji. Inħarsu lejn Franza biex naraw kif President żagħżugħ qed jikkumbatti mal-popoliżmu grazzi għal żbalji li għamel l-gvern tiegħu. Kuntrarju għal dak li qed jiġri f'dawn il-pajjiżi f'Malta għandna stampa ferm differenti għaliex il-gvern ma huwiex jagħmel l-iżbalji li qed jagħmlu dawn il-pajjiżi, u dan urejnieh f'baġit wara l-ieħor fejn il-ġid qed issir u jitqassam. Għaliex dan hu s-sigriet ta' kollox. Il-fatt li l-paċi industrijali u l-fatt li l-ġustizzja soċjali li għandna f'pajjiżna hija l-mezz ta' risposta għal min sfortunatament pajjiżhom ma għarfux jirrispondu għaliha. Għalhekk huwa importanti li dan il-gvern ikompli bir-rotta li beda u r-*road map* tiegħu, fl-istess waqt li jibqa' ffukat fuq il-finanzi tiegħu u nibqgħu kredibbli fil-finanzi tagħna. Nistgħu nibqgħu kredibbli biss billi nonfqu skont il-mezzi ta' pajjiżna mbagħad naraw li t-tkabbir ekonomiku nsostnuh billi nġibu iżjed investiment mill-erba' rwiefen tad-dinja.

Għas-sena d-dieħla rridu naraw li nidħlu f'setturi ġodda, jekk hux marbuta mal-*blockchain*, l-intelliġenza artifiċjali jew l-*esport*. Din is-sena konna minn ta' quddiem biex ħadna l-ballun f'idejna f'dawn is-setturi, filwaqt li ħaddieħor għadu qed jipprova jfittex kif jista' jimraħ fihom. Permezz ta' setturi ġodda pajjiżna jista' jkompli javvanza u jkompli jilħaq livell ta' ħajja aħjar. Dawn huma biss uħud mis-suċċessi li saru fl-interess ta' kull familja Maltija u Għawdxija, li għandna x-xorti li qed ngħixuhom u qed naħsbu fi-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Dawn is-suċċessi joħorġu fid-deher meta nitkellmu mal-barranin u jgħidulek li pajjiżna teżor mogħni b'nies kapaċi li jaħdmu, iġemmgħu u jibżgħu wkoll għall-familja tagħhom. Dan se jkompli jkun l-għan tagħna għal matul is-sena d-dieħla.

Nixtieq nagħlaq billi nixtieq lilkom u lill-familji tagħkom is-Sena t-Tajba mimlija ġid u hena.